

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-23 ta' April 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-292/07) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Swieq pubbliċi — Direttiva 2004/18/KE — Proċeduri għall-xogħlijet, għal provvisti u għal servizzi — Traspōzizzjoni inkorretta jew inkompleta — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)

(2009/C 141/07)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: B. Stromsky, D. Kukovec u M. Konstantinidis, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: D. Haven u J.-C. Halleux, aġenti)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-xogħlijet pubbliċi, kuntratti għal-xogħlijet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal-xogħlijet, għal provvisti u għal servizzi] kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2083/2005 tad-19 ta' Diċembru 2005, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu taħt din id-direttiva.

Dispożittiv

- Billi m'adottax il-ligħiġiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji sabiex jittrasponi, jew sabiex jittrasponi b'mod komplet u/jew korrett, l-Artikolu 1(2)(b), moqrī flimkien mal-Anness I, kif ukoll it-tieni sentenza tal-Artikolu 9(1), u l-Artikolu 9(8)(a)(i) u (iii), l-Artikolu 23(2), l-Artikolu 30(2) sa (4), l-Artikolu 31(1)(c), l-Artikolu 38(1), il-punt (d) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 43, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 44(2), l-Artikolu 44(3) u (4), l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 46, l-Artikolu 48(2)(f), il-punti (d) u (e) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 55(1), l-Artikolu 55(3), it-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 67(2), l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 68(a), l-Artikolu 72 u l-Artikolu 74(1) tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004, fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-xogħliġi, ta' kuntratti għal-xogħlijet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal-xogħlijet, għal provvisti u għal servizzi] kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2083/2005 tad-19 ta' Diċembru 2005, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu taħt din id-direttiva.

- Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

- Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(⁽¹⁾ ĠU C 211, 08.09.2007

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-23 ta' April 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-331/07) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-ikel — Regolament (KE) Nru 882/2004 — Nuqqas ta' impiegati assenjati sabiex jaħdmu fis-servizzi responsabbi mill-verifikasi veterinarji)

(2009/C 141/08)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. Tserepa-Lacombe u F. Erlbacher, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: S. Charitaki u I. Chalkias aġenti)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, p. 1) — Nuqqas ta' impiegati assenjati sabiex jaħdmu fis-servizzi responsabbi mill-verifikasi veterinarji

Dispożittiv

- Billi ma ħaditx il-miżuri kollha neċċesarji sabiex tirrimedja għan-nuqqas ta' impiegati assenjati sabiex jaħdmu fis-servizzi responsabbi mill-verifikasi veterinarji fil-Greċċja, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obblighi tagħha taħt l-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali.
- Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

(⁽¹⁾ ĠU C 247, 20.10.2007